**MT**

MT

MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.7.2009
KUMM(2009) 362 finali

2009/0099 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni**

SEC(2009) 974 final

SEC(2009) 975 final

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGA

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Qafas ġdid ta’ rekwiżiti kapitali, ibbażat fuq il-qafas kapitali internazzjonali rivedut ‘Basel II’, ġie adottat f’Ġunju 2006 bħala d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (‘DRK’): dan jinkludi d-Direttiva 2006/48/KE dwar il-bidu u s-segwitu tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċċjali] u d-Direttiva 2006/49/KE dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-impriżi ta’ investiment u l-istituzzjonijiet ta’ kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċċjali].

Jeżisti rikonoxximent ġenerali li hemm bżonn ta’ aktar riforma regolatorja sabiex tindirizza d-dgħufijiet fil-qafas regolatorju tal-kapital u fl-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjonijiet finanzjarji li kkontribwew għat-taqlib fis-swieq finanzjarji globali. Bħala parti mir-risposta tagħha għall-kriżi finanzjarja, f’Novembru 2008 il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lil Grupp ta’ Livell Għoli ppresedut mis-Sur Jacques de Larosière sabiex jipproponi rakkomandazzjonijiet għar-riforma tas-superviżjoni u r-regolazzjoni finanzjarja Ewropea. Il-wieħed u tletin rakkomandazzjoni[1] ta’ dak il-Grupp kienu jirrappreżentaw sett komprensiv ta’ proposti għal korrezzjoni regolatorja u superviżorja. Rigward l-istrutturi ta’ rimunerazzjoni, ir-Rapport Larosière jirrakkomanda li l-inċentivi ta’ kumpens għandhom ikunu allinjati aħjar mal-interessi tal-azzjonisti u l-profittabbiltà fuq perjodu fit-tul billi l-istruttura tal-iskemi ta’ kumpens tas-settur finanzjarju tiġi bbażata fuq il-prinċipji li l-bonusijiet għandhom jirriflettu l-prestazzjoni attwali, ma għandhomx ikunu ggarantiti, u li l-valutazzjoni tal-bonusijiet għandha titpoġġa f’qafas multiannwali, li jifrex il-ħlasijiet tal-bonus matul iċ-ċiklu[2].

Filwaqt li kompliet tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp, fil-Komunikazzjoni tagħha "Nixprunaw l-Irkupru Ewropew" għall-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa tal-4 ta’ Marzu 2009[3], il-Kummissjoni ppreżentat programm ambizzjuż ta’ riforma fis-servizzi finanzjarji. Il-proposta attwali hija waħda mid-diversi miżuri li l-Kummissjoni diġà ħadet sabiex timplimenta dak il-programm.

Il-Komunikazzjoni sostniet li proposta għar-reviżjoni tad-DRK li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni sa Ġunju 2009 ser:

- tinkludi dispożizzjonijiet sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali għal assi li l-banek ikollhom fil-ktieb tal-kummerċ għal bejgħ mill-ġdid għal terminu qasir;
- ittejjeb ir-rekwiżiti kapitali għal titolizzazzjonijiet kumplessi, kemm fil-ktieb bankarju kif ukoll fil-ktieb tal-kummerċ; u
- tippermetti lill-awtoritajiet regolatorji li jimponu ‘sanzjonijiet’ kapitali fuq istituzzjonijiet finanzjarji li l-politiki tagħhom dwar ir-rimunerazzjoni jinstabu li jiġġeneraw riskju mhux aċċettabli.

Fil-laqgħa li saret f’Londra fit-2 ta’ April 2009, il-mexxejja tal-G20 qablu fuq għanijiet simili. Id-Dikjarazzjoni dwar it-Tisħiħ tas-Sistema Finanzjarja[4] tħabbar ftehim sabiex tittieħed azzjoni, ladarba jkun żgurat l-irkupru, sabiex jitjiebu l-kwalità, il-kwantità, u l-konsistenza internazzjonali tal-kapital fis-sistema bankarja; u sabiex jiġu approvati u implimentati l-

[1] http://ec.europa.eu/internal_market/finances/docs/de_larosiere_report_en.pdf
[2] Ir-rakkomandazzjoni 11.
[3] http://ec.europa.eu/commission_barroso/president/pdf/press_20090304_en.pdf
[4] http://www.g20.org/Documents/Fin_Deps_Fin_Reg_Annex_020409_-_1615_final.pdf

prinċipji tal-Forum għall-Istabbiltà Finanzjarja dwar ħlas u kumpens u biex jiġu appoġġjati skemi ta' kumpens sostenibbli[5].

Fl-istess data, il-Forum għall-Istabbiltà Finanzjarja ('FSF') ppubblika rapport dwar L-Indirizzar tal-Proċiklikalità fis-Sistema Finanzjarja u Prinċipji dwar Prattiċi Tajba ta' Kumpens fl-industrija finanzjarja[6], immirat sabiex jallinja l-inċentivi tal-impjegati mal-profittabbiltà tal-kumpanija fit-tul.

Ir-rapport tal-FSF dwar l-Indirizzar tal-Proċiklikalità jippreżenta rakkomandazzjonijiet sabiex tittaffa l-proċiklikalità, li jkopru tliet oqsma: qafas għall-kapital tal-banek, disponimenti dwar telf minn self bankarju, u ingranaġġ u stimar. Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja ħareġ Rakkomandazzjonijiet maħsuba sabiex jimmitigaw r-riskju li l-qafas regolatorju tal-kapital jista' jkabbar it-trażmissjoni ta' xokkijiet bejn is-setturi finanzjarji u dawk reali. Dan jinkludi proposti sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq l-istimi ċikliċi tal-kapital ibbażati fuq il-VAR u tiżdied il-kopertura tar-riskju għall-istrumenti tar-rititolizzazzjoni u r-riskju ta' inadempjenza u migrazzjoni għal prodotti ta' kreditu mhux titolizzati. B'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet tal-FSF u l-G20, il-Kumitat ta' Basel qiegħed jaħdem biex jiżviluppa tibdil aktar dettaljat għar-regoli preżenti skont programm stabbilit mill-G20.

Il-Prinċipji tal-FSF dwar Prattiċi Tajba ta' Kumpens jitolbu governanza effettiva tal-kumpens, u biex il-kumpens ikun aġġustat għal kull tip ta' riskju, li jkun simetriku mal-eżiti tar-riskju u li jkun sensittiv għall-orizzont taż-żmien tar-riskji. Huma jirrakkomandaw ukoll li l-implimentazzjoni mill-kumpaniji għandha tissaħħaħ permezz tas-superviżjoni.

Il-Kummissjoni għamlet l-ewwel pass sabiex tindirizza l-problemi li jirriżultaw minn strutturi ta' kumpens imfassla b'mod inadegwat meta, fit-30 ta' April 2009, hija adottat Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tas-sistema għar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kwotati[7] u dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji[8]. Il-Komunikazzjoni li kienet takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet indikat li d-DRK kienet sejra tiġi mmodifikata sabiex iġġib l-arranġamenti tar-rimunerazzjoni tal-banek u tal-impriżi ta' investiment f'monitoraġġ prudenzjali.

Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej ('KSBE') żviluppa wkoll prinċipji dwar il-politiki tar-rimunerazzjoni, li ġew ippubblikati fl-20 ta' April 2009. L-ambitu tal-prinċipji jkopri politiki dwar ir-rimunerazzjoni li japplikaw matul organizzazzjoni, u jiffoka fuq aspetti prinċipali fosthom l-allinjament tal-kumpaniji u għanijiet individwali; il-governanza fir-rigward tal-monitoraġġ u t-teħid tad-deċiżjonijiet; il-kejl tal-prestazzjoni; u forom ta' rimunerazzjoni.

Il-proposta attwali hija maħsuba sabiex tagħti effett lill-impenji ppreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu, u hija konsistenti mal-għanijiet internazzjonali ta' livell għoli li sar qbil fuqhom mill-mexxejja tal-G20.

Fl-aħħar nett, skont l-impenji ppreżentati fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Marzu, il-Kummissjoni ser tipproponi aktar tibdil fid-DRK f'Ottubru 2009 sabiex tindirizza r-riskji tal-likwidità u l-influwenza eċċessiva, tintroduċi dispożizzjonijiet għal riserva dinamika tal-

---

[5] Il-mexxejja Ewropej esprimew l-appoġġ tagħhom għal dawn il-miżuri fil-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Marzu, 2009.

[6] http://www.fsforum.org/publications/r_0904a.pdf

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tikkumplimenta r-Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema għar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kwotati (C(2009)3177/2).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji (C(2009)3159/2).

kapital, u tneħħi l-alternattivi u d-diskrezzjonijiet nazzjonali sabiex tirreġistra progress lejn ġabra ta' regoli komuni.

## 2. KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Mill-25 ta' Marzu sad-29 ta' April 2009 saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet dwar l-abbozz ta' reviżjonijiet proposti fil-ktieb tal-kummerċ u d-dispożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni. Waslu tmintax-il risposta.

B'mod ġenerali, ir-risposti appoġġjaw l-għanijiet tal-abbozz ta' proposti tal-Kummissjoni. Xi wħud minn dawk li wieġbu esprimew preokkupazzjonijiet li l-approċċ għar-rititolizzazzjonijiet ma kienx immirat b'mod suffiċjenti. Madankollu, dan it-tħassib tnissel mis-suppożizzjoni li l-Kummissjoni riedet dik li fil-fatt tkun projbizzjoni ġenerali billi tesiġi t-tnaqqis mill-kapital tar-rititolizzazzjonijiet *kollha*. Din ma kinitx l-intenzjoni tal-Kummissjoni, u dan ġie kkjarifikat permezz ta' modifiki li jirrappreżentaw approċċ aktar differenzjat.

Konsultazzjoni pubblika elettronika oħra separata dwar abbozz propost ta' dispożizzjonijiet ta' politika dwar ir-rimunerazzjoni saret mid-29 ta' April sas-6 ta' Mejju 2009 fuq il-websajt tad-DĠ MARKT. Waslu tlieta u għoxrin risposta minn istituzzjonijiet finanzjarji u rappreżentanti tal-industrija, Stati Membri u regolaturi.

Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu esprimew appoġġ għall-prinċipju li l-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fis-settur bankarju għandhom ikunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effettiva tar-riskju, u li dan għandu jinġieb fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja skont id-DRK.

Xi wħud esprimew tħassib li minħabba li l-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni huma mfassla skont l-istruttura u l-mudell kummerċjali ta' istituzzjonijiet individwali, il-prinċipji stipulati fid-DRK ma għandhomx ikunu preskrittivi żżejjed. Il-Kummissjoni temmen li t-test jippermetti l-flessibbiltà neċessarja billi jippermetti lill-kumpaniji li jikkonformaw mal-prinċipji b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, oħrajn minn fost dawk li wieġbu kienu mħassba li l-inklużjoni tar-rimunerazzjoni għal impjegati, li ma jokkupawx pożizzjoni eżekuttiva, fl-ambitu ta' reviżjoni superviżorja jista' jkollha impatt negattiv fuq ftehimiet kollettivi li l-banek u l-impriżi ta' investiment għandhom fis-seħħ għall-impjegati mhux maniġerjali.

## 3. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

B'kollox, ġew valutati erbatax-il alternattiva differenti ta' politika. Is-sommarju ta' hawn taħt jiddeskrivi l-alternattiva ta' politika preferuta u l-impatt mistenni tagħha.

### Il-Ktieb tal-Kummerċ

Rigward ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ, ser jiddaħħlu l-emendi mmirati li ġejjin, allinjati ma' dak li huwa previst mill-Kumitat ta' Basel:

– Iż-żieda ta' baffer kapitali addizzjonali msejjes fuq VAR f'xenarju ta' tensjoni mal-VAR ordinarju. Din il-bidla hija mistennija li bejn wieħed u ieħor tirdoppja r-rekwiżiti kapitali attwali tal-kotba tal-kummerċ.

– L-estensjoni tal-ħlas eżistenti għar-riskju ta' inadempjenza fil-ktieb tal-kummerċ sabiex jinqabad telf nieqes mill-inadempjenza tal-emittent, eż. twaqqigħ fil-klassifikazzjoni, sabiex jindirizza l-fatt li t-telf riċenti fuq id-dejn negozjat ħafna drabi ma kienx jinvolvi

emittenti li fil-fatt ikunu wettqu inadempjenza. L-impatt ta' din il-bidla ser jiddependi fuq il-kompożizzjoni tal-portafolji tal-banek fl-ambjent ta' wara l-kriżi.

– L-ibbażar tal-ħlas għall-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ fuq il-piżijiet sempliċi eżistenti tar-riskju għall-ktieb bankarju. Għal darba oħra, l-impatt ta' din il-bidla ser jiddependi fuq il-kompożizzjoni tal-portafolji tal-banek fl-ambjent ta' wara l-kriżi.

Ġeneralment, il-banek għandhom it-tendenza li jżommu livelli kapitali li jkunu konsistenti ma' 'miri' żviluppati internament, u li jistgħu jwasslu għal livelli kapitali ogħla minn dawk meħtieġa mir-rekwiżiti kapitali minimi. Għaldaqstant, mhijiex ħaġa faċli li tikkalkula kemm iridu jiġbru kapital addizzjonali l-banek sabiex jikkonformaw mal-emendi proposti. Żieda fil-kapital minimu meħtieġ tista' tiġi assorbita minn baffers kapitali eżistenti. Pereżempju, il-proporzjon tas-solvenza globali għal istituzzjonijiet finanzjarji kbar fiż-żona euro fit-tmien tal-ewwel nofs tal-2008 kien bħala medja 11.4%, li jimplika baffer kapitali medju (fuq ir-rekwiżiti minimi kapitali) ta' 3.4% tal-assi peżati mar-riskju.

**Rititolizzazzjonijiet**

B'mod konsistenti mal-approċċ żviluppat mill-Kumitat ta' Basel, il-pożizzjonijiet tar-rititolizzazzjoni sejrin jiġu assenjati rekwiżit kapitali ogħla minn pożizzjonijiet oħra ta' titolizzazzjoni sabiex jirriflettu r-riskju akbar ta' telf minn indeboliment mhux mistenni.

Għal rititolizzazzjonijiet partikolarment kumplessi, il-proposti jsaħħu kemm ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta kif ukoll il-proċess superviżorju sabiex jiġu infurzati. Fil-każ ta' investimenti f'rititolizzazzjonijiet ta' kumplessità partikolarment kbira, il-banek ser ikollhom juru lis-superviżur tagħhom li l-istandards meħtieġa tad-diliġenza dovuta ġew issodisfati. *Jekk ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, japplika tnaqqis ġenerali mill-kapital.* F'każijiet fejn il-konformità mad-diliġenza dovuta meħtieġa tinstab li hija inadegwata, l-istituzzjonijiet jiġu esklużi minn investiment futur fi strumenti simili.

L-impatt ta' dawn il-miżuri fuq il-provvista futura ta' krediti – li l-finanzjament tagħha huwa parzjalment iffaċilitat bil-ħruġ ta' rititolizzazzjonijiet bħal ċerti obbligi ta' dejn kollateralizzat (collateralized debt obligations - CDOs) – għandu jiġi vvalutat fid-dawl tal-livell tal-ħruġ tagħhom fl-ambjent tas-suq ta' wara l-kriżi. L-evidenza turi li l-ħruġ totali ta' CDOs fl-Ewropa naqas minn €88.7 biljun fl-2007 għal €47.9 biljun fl-2008. Dan it-tnaqqis kien ikun saħansitra aktar evidenti kieku l-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank of England ma aċċettawx ir-rititolizzazzjoni bħala kollateral: fl-2008, 95% tal-ħruġ kollu ta' titolizzazzjonijiet inżamm mill-banek għal skopijiet ta' 'repo', bis-suq primarju jibqa' effettivament magħluq minħabba l-aptit konsiderevolment imnaqqas tal-investitur għal dawn l-istrumenti. B'kuntrast ma' dawn ix-xejriet, kwalunkwe impatt inkrementali fuq il-ħruġ ta' CDOs u provvista ta' kreditu jidher li jkun limitat. Madankollu, din il-miżura tista' tillimita l-irkupru tas-suq sekondarju għall-istrumenti affettwati.

**Żvelar tar-Riskji tat-Titolizzazzjoni**

Ir-rekwiżiti tal-iżvelar, b'mod konformi ma' standards miftiehma internazzjonalment, għandhom jittejbu f'diversi oqsma bħall-iskoperturi tat-titolizzazzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ u l-isponsorship ta' vetturi li mhumiex fuq il-karta tal-bilanċ.

Dawn il-bidliet ser itejbu l-fehim tal-investitur dwar il-profil tar-riskju tal-banek, billi jżidu t-trasparenza, isaħħu l-immaniġġjar tar-riskji tal-banek. Il-piż amministrattiv inkrimentali għall-industrija bankarja tal-UE huwa stmat għal €1.3 miljuni fis-sena u huwa mistenni li jaqa' l-aktar fuq istituzzjonijiet kbar b'approċċi aktar avvanzati għall-immaniġġjar tar-riskji.

**Reviżjoni Superviżorja tal-Politiki dwar ir-Rimunerazzjoni**

L-emendi proposti ser jobbligaw lill-istituzzjonijiet tal-kreditu u lill-ditti ta' investiment sabiex ikollhom politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-prinċipji rilevanti ser ikunu stipulati fid-DRK, iżda ser ikunu allinjati mill-qrib ma' dawk stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3159 tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

Li l-prinċipji rilevanti tar-Rakkomandazzjoni jsiru vinkolanti ser iżid ir-rata ta' konformità mill-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-ditti ta' investiment.

Il-proposta tippermetti lill-impriżi l-flessibbiltà li jikkonformaw mal-obbligu l-ġdid u l-prinċipji ta' livell għoli b'mod li jkun adattat għad-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Huwa probabbli li dan l-approċċ inaqqas l-ispejjeż bil-quddiem u kontinwi tal-konformità għall-kumpaniji, u għalhekk ġie ppreferut fuq alternattiva li teħtieġ konformità stretta u uniformi mill-impriżi kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, bil-prinċipji stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3159 tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

### IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

## 4. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Minħabba li jridu jiddaħħlu bidliet fid-Direttiva eżistenti, Direttiva emendatorja hija l-aktar strument xieraq. Din id-Direttiva emendatorja għandu jkollha l-istess bażi legali bħad-Direttiva li hija temenda. Għaldaqstant, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 47(2) KE, li jipprovdi l-bażi legali għall-armonizzazzjoni tar-regoli marbuta mal-bidu u s-segwitu tal-kummerċ ta', fost l-oħrajn, l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Skont il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjaretà kif stipulati fl-Artikolu 5 KE, l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jinkisbu aħjar mill-Komunità. Id-dispożizzjonijiet tagħha ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet imfittxija.

Leġiżlazzjoni Komunitarja biss tista' tiżgura li istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed ikunu suġġetti għall-istess rekwiżiti ta' superviżjoni prudenzjali, f'dan il-każ billi jiġi żgurat li l-qafas diġà armonizzat tar-rekwiżiti kapitali għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment ikompli jissaħħaħ b'rekwiżiti kapitali rafforzati għall-affarijiet tal-ktieb tal-kummerċ, id-diliġenza dovuta xierqa u rekwiżiti kapitali mtejba għal rititolizzazzjonijiet kumplessi, u l-introduzzjoni ta' regoli espliċiti u miżuri superviżorji xierqa u sanzjonijiet fir-rigward tal-istrutturi tar-rimunerazzjoni.

## 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

### 5.1. Rekwiżiti kapitali għar-rititolizzazzjoni

(L-Artikolu 1(1) u (9) u l-Anness I, il-paragafu (3))

Ir-rititolizzazzjonijiet huma titolizzazzjonijiet li għandhom pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni bażi, ġeneralment sabiex jirripakkjaw skoperturi ta' titolizzazzjonijiet ta' riskju medju f'titolizzazzjonijiet oħra. Ġeneralment dawn kienu kkunsidrati riskju ta' kreditu baxx mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni u mill-parteċipanti tas-suq. Madankollu, minħabba l-kumplessità

tagħhom u s-sensittività għal telfiet korrelatati, dawn ir-rititolizzazzjonijiet jinvolvu riskji akbar minn titolizzazzjonijiet diretti. Għaldaqstant, din il-proposta tinkludi sett ta' rekwiżiti kapitali li huma ogħla milli għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni diretta tal-istess klassifikazzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta tinkludi proċess superviżorju msaħħaħ għal rititolizzazzjonijiet li jkunu partikolarment kumplessi. Ir-reviżjoni superviżorja bbażata fuq kampjun li tapplika għal titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet ta' kumplessità normali mhijiex rigoruża biżżejjed għal xi rititolizzazzjonijiet, fejn il-livell għoli ta' kumplessità tal-istrument inkwistjoni jixħet dubju dwar il-ħila tal-bank li jifhem b'mod sħiħ in-natura u r-riskji tal-iskoperturi sottostanti. Il-proposta għalhekk titlob li l-konformità mal-istandards applikabbli tad-diliġenza dovuta għall-banek li jinvestu f'dawn it-tip ta' prodotti tiġi vverifikata għal kull investiment individwali li jsir. Il-KSBE ser jikkonverġi l-prattika superviżorja billi jiftiehem fuq liema tipi ta' rititolizzazzjonijiet huma 'kumplessi ħafna', sabiex il-ħila tal-istituzzjonijiet li jipprovdu diliġenza dovuta xierqa fir-rigward ta' dawn l-istrumenti tkun tista' tiġi vverifikata fuq il-bażi ta' kull każ individwali. F'każijiet eċċezzjonali fejn bank ma jkunx jista' juri lir-regolatur tiegħu li huwa kkonforma mad-diliġenza dovuta meħtieġa fir-rigward ta' rititolizzazzjoni kumplessa ħafna, jiġi applikat piż ta' riskju ta' 1250% għall-pożizzjoni f'dik ir-rititolizzazzjoni. Dan it-trattament tal-kapital japplika għal rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010, u ser japplikaw biss għal pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni eżistenti wara l-31 ta' Diċembru 2014 jekk jiġu miżjuda jew sostitwiti skoperturi sottostanti ġodda wara dik id-data. Għaldaqstant, il-piż tar-riskju ta' 1250% ma jistax jiġi applikat għal pożizzjonijiet ta' suċċessjoni tal-banek f'rititolizzazzjonijiet (sakemm l-iskoperturi sottostanti ta' dawk il-pożizzjonijiet ma jinbidlux wara l-aħħar tal-2014).

### 5.2. Bidliet tekniċi

(L-Artikolu 1(5) u l-Anness II, il-punt (4); l-Artikolu 1(7); l-Artikolu 2(2) u (3); l-Anness I, il-punt (2) u l-Anness II, il-punt (2))

Fl-2006 il-Kummissjoni u l-KSBE waqqfu Grupp għat-Traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRDTG) sabiex jiffaċilita implimentazzjoni u applikazzjoni koerenti tad-DRK madwar l-UE kollha. Skont is-CRDTG, ċerti dispożizzjonijiet tekniċi ta' dik id-Direttiva jeħtieġ li jiġu speċifikati aktar. Pereżempju, din id-direttiva ser tikkjarifika wkoll li r-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' saldu japplikaw ukoll fil-ktieb mhux tal-kummerċ.

### 5.3. Rekwiżiti ta' żvelar

(L-Artikolu 1(11) u l-Anness I, il-punt (4))

Ir-rekwiżiti eżistenti ta' żvelar fid-DRK rigward l-iskoperturi tat-titolizzazzjonijiet tal-istituzzjonijiet huma msaħħa b'din il-proposta. Partikolarment, ir-rekwiżiti ta' żvelar fil-ġejjieni ser jaqbdu r-riskji mhux biss tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet fil-ktieb mhux tal-kummerċ, iżda wkoll dawk fil-ktieb tal-kummerċ.

### 5.4. Rekwiżiti kapitali tar-riskji tas-suq għat-titolizzazzjonijiet

(L-Artikolu 1(4), (6) u (8); l-Artikolu 2(1); l-Anness II, il-punt (1))

Ir-rekwiżiti kapitali għat-titolizzazzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ attwalment huma kkalkulati bħallikieku dawn l-istrumenti kienu pożizzjonijiet normali ta' dejn. Dan jikkuntrasta mal-ktieb bankarju, fejn hemm sett ta' rekwiżiti kapitali separati, aktar differenzjati u sensittivi għar-riskji. Din il-proposta tipprevedi li r-rekwiżiti kapitali tal-ktieb tal-kummerċ ikunu bbażati fuq dawk għal titoli ekwivalenti fil-ktieb bankarju.

## 5.5. Rekwiżiti kapitali bbażati fuq mudelli interni għar-riskji tas-suq

(L-Anness II, il-punt (3))

Fil-preżent, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskji tas-suq fil-ktieb tal-kummerċ billi jużaw il-mudelli tagħhom stess li jistmaw it-telf potenzjali minn movimenti avversi futuri tas-suq. Matul l-2007-2008, ħareġ biċ-ċar li l-mudelli interni jistmaw sistematikament inqas it-telf potenzjali f'kundizzjonijiet ta' tensjoni. Dan wassal għal rekwiżiti kapitali inadegwati u volatilità ċiklika tal-kapital tal-banek hekk kif l-ambjent tas-suq iddeterjora. Għalhekk, din id-direttiva ser issaħħaħ ir-rekwiżiti kapitali bbażati fuq mudelli interni f'diversi aspetti:

- ser ikun hemm il-ħtieġa li t-telf li jista' jkun hemm f'perjodu mtawwal ta' ċirkustanzi avversi jiġi stmat separatament, biex hekk titjieb l-adattabbiltà tal-mudelli f'kundizzjonijiet ta' tensjoni u jitnaqqas il-potenzjal tagħhom għall-proċiklikalità;
- l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa li jistmaw mhux biss ir-riskju ta' telf mill-inadempjenza ta' entrati ta' dejn fil-ktieb tal-kummerċ, iżda wkoll it-telf potenzjali mid-deterjorament fil-kwalità tal-kreditu mingħajr inadempjenza;
- sabiex jiġu indirizzati d-dubji dwar il-ħila tal-mudelli interni li jaqbdu adegwatament il-profil partikolari tar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa li jivvalutaw allokazzjoni standardizzata separata għar-riskji ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ.

## 5.6 Politiki ta' rimunerazzjoni

(L-Artikolu 1(2) u (3); l-Anness I, il-punt (1) u il-punt (4)(iii))

Bil-qafas superviżorju Ewropew attwali, ma hemm ebda rekwiżit speċifiku li l-politiki dwar ir-rimunerazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu suġġetti għal kontroll superviżorju. Minħabba f'hekk, l-awtoritajiet superviżorji ġeneralment ma ffukawx fuq l-implikazzjonijiet tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għar-riskji u l-immaniġġjar effikaċi tar-riskji.

L-għan ta' din l-emenda proposta fid-DRK huwa:

- li timponi obbligu vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex ikollhom politiki u prattiċi dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' u jippromwovu mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji, akkumpanjati minn prinċipji ta' livell għoli dwar rimunerazzjoni għaqlija;
- li ġġib il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja tad-DRK, sabiex is-superviżuri jkunu jistgħu jitolbu lill-impriża tieħu miżuri sabiex tirrimedja kwalunkwe problema li jistgħu jidentifikaw;
- li tiżgura li s-superviżuri jkunu jistgħu jimponu wkoll penali finanzjarji u mhux finanzjarji (fosthom multi) kontra impriżi li ma jissodisfawx l-obbligu.

Ir-rekwiżit propost ser japplika għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u, bis-saħħa tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2006/49/KE, għal ditti ta' investiment li huma awtorizzati u rregolati bid-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

L-ambitu tal-obbligu propost huwa limitat għar-rimunerazzjoni għal persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-bank jew tal-impriża ta' investiment. Dan jimmira l-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk l-individwi li jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-livell ta' riskju li tieħu l-istituzzjoni.

Il-prinċipji proposti ta' livell għoli dwar rimunerazzjoni għaqlija mhumiex intenzjonati sabiex jippreskrivu l-ammont u l-forma ta' rimunerazzjoni, u l-istituzzjonijiet jibqgħu responsabbli għat-tfassil u l-applikazzjoni tal-politika partikolari tagħhom dwar ir-rimunerazzjoni. L-impriżi għandhom flessibbiltà dwar kif il-prinċipji jiġu applikati b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment iwettqu attivitajiet differenti u għandhom livelli differenti ta' riskju tollerat: l-istrutturi tar-rimunerazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipji għalhekk ivarjaw skont il-każ.

Monitoraġġ prudenzjali matul ir-reviżjoni superviżorja jiffoka fuq jekk il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni jkunux konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb tar-riskji meta wieħed iqis in-negozju tal-impriża. Sabiex jiġu allinjati l-valutazzjonijiet superviżorji, u biex tingħata għajnuna lill-impriżi jikkonformaw mal-prinċipji, il-proposta teħtieġ li l-KSBE jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki għaqlija dwar ir-rimunerazzjoni.

Jekk superviżur jidentifika problemi, huwa jista' jitlob lill-istituzzjoni tal-kreditu jew lill-impriża tal-investiment sabiex tieħu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi sabiex tindirizza dawk il-problemi. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu rekwiżit ('kwalitattiv') sabiex l-impriża tirranġa s-sitwazzjoni billi tibdel l-istruttura tar-rimunerazzjoni tagħha sabiex tnaqqas ir-riskju inerenti u – f'każijiet xierqa – rekwiżit ('kwantitattiv') sabiex l-impriża żżomm fondi proprji addizzjonali kontra r-riskju.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jrid ikollhom ukoll is-setgħa taħt id-DRK sabiex jimponu penali għall-ksur ta' xi rekwiżit tad-Direttiva (inkluż ir-rekwiżit propost b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni). Din is-setgħa sanzjonarja hija separata mis-setgħa li l-impriżi jkunu meħtieġa jieħdu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi. L-emenda proposta għall-Artikolu 54 tad-DRK hija maħsuba sabiex tiżgura li s-superviżuri jkollhom kemm sanzjonijiet finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħhom, u li dawn is-sanzjonijiet ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

Din l-emenda proposta tad-DRK tikkumplimenta r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Il-prinċipji aktar dettaljati ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, flimkien mal-linji gwida tal-KSBE, ser ikunu rilevanti sabiex wieħed jikkonforma mal-obbligu skont id-DRK. Huma għandhom jipprovdu aktar gwida dwar kif jista' jiġi ssodisfat l-obbligu, u qafas għar-regolaturi meta dawn jivvalutaw l-istrutturi tar-rimunerazzjoni tal-impriżi.

### 5.7 Kjarifika ġenerali tar-reviżjoni superviżorja skont l-Artikolu 136(2)

Is-subparagrafu ġdid propost tal-Artikolu 136(2) huwa maħsub biex jikkjarifika li, meta jwettqu r-reviżjoni superviżorja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-aspetti kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi ta' valutazzjoni tal-kapital intern tal-istituzzjonijiet tal-kreditu skont l-Artikolu 123, u l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji tal-istituzzjonijiet tal-kreditu skont l-Artikoli 22. Din il-kjarifika tapplika għall-proċess kollu tar-reviżjoni, u mhijiex limitata għar-reviżjoni tar-rekwiżit il-ġdid b'rabta mal-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni. L-għan huwa li tiġi ffaċilitata iżjed konverġenza tal-prattiċi superviżorji madwar l-UE.

2009/0099 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[10],

Billi:

(1) It-teħid eċċessiv u imprudenti ta' riskji fis-settur bankarju wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u għal problemi sistemiċi fl-Istati Membri u globalment. Filwaqt li l-kawżi ta' dan it-teħid tar-riskji huma ħafna u kumplessi, hemm qbil mis-superviżuri u korpi regolatorji, fosthom il-G20 u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, li l-istrutturi inadegwati tar-rimunerazzjoni ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji kienu fattur kontributorju. Politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jagħtu inċentivi sabiex jittieħdu riskji li jaqbżu l-livell ġenerali tar-riskju ttollerat mill-istituzzjoni jistgħu jimminaw l-immaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji u jiggravaw l-imġiba tat-teħid eċċessiv tar-riskji.

(2) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwitu tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu[11] teħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi sabiex jimmaniġġjaw ir-riskji li jkunu esposti għalihom. Bis-saħħa tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza kapitali tal-impriżi ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu[12] dak ir-rekwiżit japplika għal impriżi ta' investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE[13]. Id-Direttiva 2006/48/KE teħtieġ lill-awtoritajiet

---

9 ĠU C , , p. .
10 ĠU C , , p. .
11 ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
12 ĠU L 177, 30.6.2006, p.201.
13 ĠU L 145, 30.4.2004, p.1.

kompetenti li jirrevedu dawk l-arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi, u li jistabbilixxu jekk il-fondi proprji li jkollha l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-impriża ta' investiment konċernata jiżgurawx immaniġġjar u kopertura tajba tar-riskji li l-istituzzjoni jew l-impriża hija jew tista' tkun esposta għalihom. Dik is-superviżjoni titwettaq fuq bażi konsolidata fir-rigward ta' gruppi bankarji, u tinkludi kumpaniji ta' parteċipazzjoni finanzjarja u istituzzjonijiet finanzjarji affiljati fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

(3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji.

(4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investiment għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena.

(5) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-impriża ta' investiment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali, pereżempju ta' tlieta sa ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji[14] tistabbilixxi prinċipji dwar politiki ta' rimunerazzjoni għaqlija dwar kif il-kumpaniji jistgħu jissodisfaw dan l-obbligu, li huma konsistenti ma' u jikkumplimentaw il-prinċipji ppreżentati f'din id-Direttiva.

(7) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr ħsara għad-drittijiet, fejn applikabbli, tas-sieħba soċjali f'negozjar kollettiv.

(8) Sabiex jiġi żgurat infurzar rapidu u effikaċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu miżuri jew penali finanzjarji jew mhux finanzjarji għall-ksur ta' rekwiżit skont id-Direttiva 2006/48/KE, fosthom ir-rekwiżit li jkun

---

[14] C(2009) 3159.

hemm politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji. Dawn il-miżuri u penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

(9) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ superviżorju effikaċi tar-riskji maħluqa minn strutturi ta' rimunerazzjoni inadegwati, il-politiki u l-prattiċi ta' rimunerazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom ikunu inklużi fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja skont id-Direttiva 2006/48/KE. Matul dik ir-reviżjoni, is-superviżuri għandhom jivvalutaw jekk ikunx probabbli li dawk il-politiki u prattiċi jinkoraġġixxu teħid eċċessiv ta' riskju mill-persunal inkwistjoni.

(10) Sabiex jippromwovi konverġenzi superviżorji fil-valutazzjoni tal-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politiki għaqlija tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju. Il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli għandu jassisti fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida safejn dawn japplikaw ukoll għall-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal persuni involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u t-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn impriżi ta' investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji[15].

(11) Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, fosthom strutturi ta' rimunerazzjoni sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

(12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[16].

(13) Ir-reviżjoni tar-riskji li għalihom tista' tkun esposta l-istituzzjoni ta' kreditu għandha twassal għal miżuri superviżorji effikaċi. Għaldaqstant huwa neċessarju li tintlaħaq aktar konverġenza sabiex issostni deċiżjonijiet konġunti mis-superviżuri u tiżgura kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fil-Komunità.

(14) Għandu jkun hemm trattament kapitali separat għal titolizzazzjonijiet li jirripakkjaw titolizzazzjonijiet oħra u jkunu soġġetti għal riskju ta' kreditu ogħla minn titolizzazzjonijiet normali u jipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi ta'

---

15 ĠU L 145, 30.4.2004, p.1.
16 ĠU L 281, 23.11.95, p.31.

investiment diżinċentivi ċari kontra l-investiment f'titolizzazzjonijiet ta' kumplessità u riskju partikolarment għoljin.

(15) Il-banek li jinvestu f'rititolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. Abbażi tal-kumplessità tas-saffi tal-istrutturi ta' titolizzazzjoni u abbażi tal-kumplessità u d-diversità (jew it-tnejn) tal-iskoperturi mhux tat-titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom ir-rititolizzazzjonijiet, id-diliġenza dovuta meħtieġa tista' tkun impossibbli jew mhux ekonomika (jew it-tnejn) sabiex titwettaq. Dan partikolarment huwa l-każ fejn l-iskoperturi sottostanti finali huma, pereżempju, akkwiżizzjonijiet ingranati jew dejn għall-iffinanzjar ta' proġett. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinvestu f'rititolizzazzjonijiet daqstant kumplessi. Fir-reviżjoni tagħhom tad-diliġenza dovuta meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal titolizzazzjonijiet daqstant kumplessi u jesiġu t-tnaqqis sħiħ tagħhom mill-kapital, sakemm ma jkunx intwera b'mod konvinċenti għas-sodisfazzjon tagħhom li f'kull każ individwali ta' skoperturi ta' rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, l-istituzzjoni tkun użat id-diliġenza dovuta meħtieġa mid-Direttiva 2006/48/KE, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti finali.

(16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiċi superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida, li għandhom jinkludu definizzjoni jew kriterji għat-tipi ta' rititolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.

(17) Id-dispożizzjonijiet dwar l-istimar prudenti fid-Direttiva 2006/49/KE għandhom japplikaw għall-istrumenti kollha mkejla fil-valur ġust, kemm jekk fil-ktieb tal-kummerċ kif ukoll jekk fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istituzzjonijiet. Għandu jiġi kkjarifikat li, fejn l-applikazzjoni tal-istimar prudenti twassal għal valur miżmum fil-kotba aktar baxx milli fil-fatt rikonoxxut fil-kontijiet, il-valur assolut tad-differenza għandu jitnaqqas mill-fondi proprji.

(18) L-istituzzjonijiet għandu jkollhom għażla jekk japplikawx rekwiżit kapitali għal jew inaqqsu mill-fondi proprji dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jirċievu piż ta' riskju ta' 1250% skont din id-Direttiva, irrispettivament minn jekk il-pożizzjonijiet ikunux fil-ktieb tal-kummerċ jew mhux tal-kummerċ.

(19) Ir-rekwiżiti kapitali għar-riskji tas-saldu għandhom japplikaw ukoll għall-ktieb mhux tal-kummerċ.

(20) L-istituzzjonijiet oriġinaturi jew sponsor ma għandhomx ikunu kapaċi jduru mal-projbizzjoni ta' appoġġ impliċitu billi jużaw il-kotba tal-kummerċ tagħhom sabiex jipprovdu tali appoġġ.

(21) Mingħajr ħsara għall-iżvelar mitlub b'mod espliċitu minn din id-Direttiva, l-għan tar-rekwiżiti ta' żvelar għandu jkun li jipprovdi lill-parteċipanti tas-suq b'informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-profil tar-riskju ta' istituzzjonijiet individwali. Għaldaqstant l-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa li jiżvelaw informazzjoni addizzjonali mhux imsemmija espliċitament f'din id-Direttiva jekk meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

(22) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni koerenti tad-Direttiva 2006/48/KE madwar il-Komunità, fl-2006 il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej waqqfu grupp ta' ħidma (Grupp għat-Traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali - CRDTG), li ġie afdat il-kompitu li jiddiskuti u jsolvi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva. Skont il-CRDTG, ċerti dispożizzjonijiet tekniċi tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE jeħtieġ li jiġu speċifikati aktar. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu aġġustati dawk id-dispożizzjonijiet.

(23) Meta valutazzjoni esterna tal-kreditu għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tinkorpora l-effett ta' protezzjoni tal-kreditu pprovduta mill-istituzzjoni nnifisha li tinvesti, l-istituzzjoni ma għandhiex tkun tista' tibbenefika mill-piż inqas tar-riskju li jirriżulta minn dik il-protezzjoni. Dan ma għandux iwassal għat-tnaqqis tat-titolizzazzjoni mill-kapital jekk ikun hemm modi oħra kif jiġi stabbilit piż ta' riskju konformi mar-riskju attwali tal-pożizzjoni, mingħajr ma tiġi kkunsidrata protezzjoni tal-kreditu bħal din.

(24) Fil-qasam tat-titolizzazzjoni, ir-rekwiżiti ta' żvelar tal-istituzzjonijiet għandhom jissaħħu b'mod konsiderevoli. Partikolarment huma għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ.

(25) L-allokazzjonijiet speċifiċi tar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu allinjati mar-rekwiżiti kapitali fil-ktieb tal-kummerċ billi dawn tal-aħħar jipprovdu għal trattament aktar differenzjat u sensittiv għar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

(26) Fid-dawl tal-prestazzjoni dgħajfa riċenti, l-istandards għall-mudelli interni biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. Partikolarment, il-kopertura tagħhom tar-riskji għandha tiġi kkompletata fir-rigward tar-riskji tal-krediti fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet kapitali għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kundizzjonijiet ta' tensjoni sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għall-proċiklikalità. Minħabba d-diffikultajiet partikolari riċenti sabiex il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiġu ttrattati bl-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni, il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jimmudellaw ir-riskji tat-titolizzazzjoni fil-kotba tal-kummerċ għandha tkun limitata u allokazzjoni kapitali standard għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ għandha tkun meħtieġa b'mod awtomatiku.

(27) Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għalhekk għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2006/48/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, jiddaħħlu l-punti segwenti (40a) u (40b):

"(40a) 'ritittolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn waħda jew aktar mill-iskoperturi sottostanti jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(40b) 'pożizzjoni ta' ritittolizzazzjoni' tfisser skopertura għal ritittolizzazzjoni;"

(2) L-Artikolu 22 huwa emendat b'dan li ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jitbiddel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jesiġu li kull istituzzjoni ta' kreditu jkollha arranġamenti sodi ta' governanza, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sewwa, trasparenti u konsistenti, proċessi effikaċi sabiex tidentifika, timmaniġġja, timmonitorja u tirrapporta r-riskji li hija esposta għalihom jew li tista' tkun esposta għalihom, mekkaniżmi interni adegwati ta' kontroll, fosthom proċeduri tajba ta' amministrazzjoni u kontabbiltà, u politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' u jippromwovu mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji."

(b) Jiddaħħal il-paragrafu 3 segwenti:

"3. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22 tal-Anness V. Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

(3) Fl-Artikolu 54, jiddaħħal il-paragrafu segwenti:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom ikollhom is-setgħa li jimponu penali jew miżuri finanzjarji u mhux finanzjarji. Dawk il-penali jew miżuri jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi."

(4) L-Artikolu 57 huwa emendat b'dan li ġej:

(a) Fl-ewwel paragrafu, il-punt (r) jitbiddel b'dan li ġej:

"(r) l-ammont ta' skopertura ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jirċievu piż ta' riskju ta' 1 250 % skont l-Anness IX, il-Parti 4 u l-ammont ta' skopertura ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ li jirċievu piż ta' riskju ta' 1 250% fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjonijiet ta' kreditu.

(b) Jiddaħħal il-paragrafu segwenti:

Għall-finijiet tal-punt (r), l-ammonti ta' skopertura għandhom jiġu kkalkulati bil-mod speċifikat fl-Anness IX, il-Parti 4."

(5) Fl-Artikolu 64, jiddaħħal il-paragrafu 5 segwenti:

"5. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Parti B tal-Anness VII tad-Direttiva 2006/49/KE għall-assi kollha tagħhom imkejla fil-valur ġust meta jikkalkulaw l-ammont ta' fondi proprji u fl-ammont tal-fondi proprji ma għandhom jinkludu l-ebda ammonti neċessarji bħala aġġustamenti taħt dawk ir-rekwiżiti."

(6) L-Artikolu 66(2) jitbiddel b'dan li ġej:

"2. It-total tal-entrati fil-punti (l) sa (r) tal-Artikolu 57 għandu jitnaqqas nofs mit-total tal-entrati fil-punti (a) sa (c) neqsin minnhom il-punti (i) sa (k) ta' dak l-Artikolu, u nofs mit-total tal-entrati fil-punti (d) sa (h) ta' dak l-Artikolu, wara l-applikazzjoni tal-limiti stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Sakemm nofs it-total tal-entrati fil-punti (l) sa (r) jaqbeż it-total tal-entrati fil-

punti (d) sa (h) tal-Artikolu 57, iż-żejjed għandu jitnaqqas mit-total tal-entrati fil-punti (a) sa (c) tnaqqas minnhom (i) sa (k) ta' dak l-Artikolu.

Il-entrati fil-punt (r) tal-Artikolu 57 ma għandhomx jitnaqqsu jekk ikunu ġew inklużi għall-finijiet tal-Artikolu 75 fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju kif speċifikat fl-Anness IX, il-Parti 4 jew fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali kif speċifikat fl-Anness I għad-Direttiva 2006/49/KE."

(7) Fl-Artikolu 75, il-punt (c) jitbiddel b'dan li ġej:

"(c) fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kollha tagħhom, għar-riskju tal-kambju, għar-riskju tas-saldu u għar-riskju tal-komoditajiet, ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/49/KE;"

(8) L-Artikolu 101(1) jitbiddel b'dan li ġej:

"1. Dawn li ġejjin ma għandhomx, bil-ħsieb li jnaqqsu t-telf potenzjali jew attwali lill-investituri, jipprovdu appoġġ lit-titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom:

(a) kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi li, fir-rigward ta' titolizzazzjoni, tkun għamlet xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) għamlet użu mill-Artikolu 95 fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju;

(ii) biegħet strumenti mill-ktieb tal-kummerċ tagħha lil SSPE bir-riżultat li ma jkollhiex aktar kapital għar-riskju speċifiku ta' dawk l-istrumenti;

(b) istituzzjoni ta' kreditu sponsor."

(9) L-Artikolu 122b jiddaħħal wara l-Artikolu 122a:

"*Artikolu 122b*

1. Minkejja l-piżijiet tar-riskju għal pożizzjonijiet ġenerali ta' rititolizzazzjoni fl-Anness IX, il-Parti 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data."

Fl-Artikolu 136(2), jiddaħħal il-paragrafu segwenti:

"Għall-finijiet li jiġi stabbilit il-livell xieraq ta' fondi proprji fil-proċess ta' reviżjoni superviżorja mwettaq skont l-Artikolu 124, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk tkunx meħtieġa xi impożizzjoni ta' rekwiżit speċifiku dwar fondi proprji li jaqbeż il-livell minimu sabiex jaqbad riskji li istituzzjoni ta' kreditu tista' tkun esposta għalihom, billi tikkunsidra dawn li ġejjin:

(a) l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-valutazzjoni kapitali interna tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, imsemmija fl-Artikolu 123; (b)

l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, imsemmija fl-Artikolu 22;

(c) l-eżitu tal-proċess ta' reviżjoni superviżorja mwettaq skont l-Artikolu 124."

(10) L-Artikolu 145(3) jitbiddel b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw politika formali sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' żvelar stipulati fil-paragrafu 1 u 2, u jkollhom politiki biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-iżvelar tagħhom, fosthom il-verifika u l-frekwenza ta' dan l-iżvelar. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom ukoll politiki sabiex jivvalutaw jekk l-iżvelar tagħhom jikkomunikax il-profil tar-riskju tagħhom b'mod komprensiv lill-parteċipanti tas-suq.

Fejn dan l-iżvelar ma jikkomunikax il-profil tar-riskju b'mod komprensiv lill-parteċipanti tas-suq, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżvelaw pubblikament l-informazzjoni meħtieġa flimkien ma' dik mitluba skont il-paragrafu 1. Madankollu, huma għandhom ikunu meħtieġa biss li jiżvelaw informazzjoni li hija materjali u mhux proprjetarja jew kunfidenzjali skont il-kriterji tekniċi stipulati fl-Anness XII, il-Parti 1."

(11) L-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness I għal din id-Direttiva:

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 2006/49/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1), jiddaħħal il-punt (t):

"(t) 'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni' u 'pożizzjoni ta' ritittolizzazzjoni' jfissru pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni kif iddefinit fid-Direttiva 2006/48/KE."

(2) Fl-Artikolu 17(1), il-frażi introduttorja titbiddel b'dan li ġej:

"Meta istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi peżati mar-riskju għall-finijiet tal-Anness II għal din id-Direttiva skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE, f'dak il-każ għall-finijiet tal-kalkolu previst fil-punt 36 tal-Parti 1 tal-Anness VII għad-Direttiva 2006/48/KE, għandu japplika dan li ġej:"

(3) Fl-Artikolu 18(1), il-punt (a) jitbiddel b'dan li ġej:

"(a) ir-rekwiżiti kapitali, ikkalkulati skont il-metodi u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 28 sa 32 u l-Anness I, II, u VI u, kif meħtieġ, l-Anness V, għall-kummerċ tagħhom fil-ktieb tal-kummerċ, u l-punti 1 sa 4 tal-Anness II għall-kummerċ tagħhom fil-ktieb mhux tal-kummerċ."

(4) L-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness II għal din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010. Għandhom jikkomunikaw minnufih

lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkompanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

L-Annessi V, VI, IX u XII għad-Direttiva 2006/48/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness V, tiddaħħal it-Taqsima 11 segwenti:

"11. POLITIKI DWAR IR-RIMUNERAZZJONI

22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(a) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji u ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(b) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(c) il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) tal-istituzzjoni ta' kreditu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha;

(d) l-implimentazzjoni tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun, tal-anqas darba fis-sena, soġġetta għal reviżjoni interna ċentrali u indipendenti dwar il-konformità mal-politiki u l-proċeduri għar-rimunerazzjoni definiti mill-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja);

(e) Fejn ir-rimunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' rimunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju konċernata u tar-riżultati globali tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(f) Il-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda bonus;

(g) **il-ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni miksuba maż-żmien u huma mfassla b'mod li ma jippremjawx il-falliment;**

(h) *il-kejl tal-prestazzjoni li jintuża sabiex jiġu kkalkulati bonusijiet jew raggruppamenti ta' bonusijiet jinkludi aġġustament għar-riskji preżenti u futuri u jqis il-prezz tal-kapital u l-likwidità meħtieġa;*

*(i) il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.*

(2) L-Anness VI, il-Parti 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 8 jitbiddel b'li ġej:

"8. Mingħajr ħsara għall-punti 9, 10 u 11, l-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet legali għandu jkollhom piż ta' riskju bħall-iskoperturi għall-istituzzjonijiet, soġġett għall-punt 11a. Dan it-trattament huwa indipendenti mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 80(3). It-trattament preferenzjali għall-iskoperturi ta' perjodu qasir speċifikati fil-punti 31, 32 u 37 ma għandux jiġi applikat."

(b) Jiddaħħal il-punt 11a segwenti:

"11a. Mingħajr ħsara għall-punti 9, 10 u 11, l-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali tal-Istati Membri denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern reġjonali u awtorità lokali għandhom jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 20%."

(3) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti 3, il-punt 1, jiddaħħal il-punt (c) segwenti:

"(c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha."

(b) Parti 4 hija emendata kif ġej:

(i) Fil-punt 5, tiddaħħal is-sentenza segwenti:

"Fejn ma tkun tista' tintuża l-ebda valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI nominat għal pożizzjoni f'karta kummerċjali appoġġjata mill-assi minħabba r-rekwiżit stipulat fil-punt 1(c) tal-Parti 3, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tuża l-piż tar-riskju assenjat lil faċilità tal-likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju għall-karta kummerċjali jekk il-karta kummerċjali ta' programm ABCP u l-faċilità tal-likwidità jiffurmaw pożizzjonijiet dupplikati."

(ii) Il-punt 6 jitbiddel b'li ġej:

"6. Bla ħsara għall-punt 8, l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju ta' pożizzjoni kklassifikata ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni għandha tiġi kkalkulata billi mal-valur tal-iskopertura jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-pass tal-kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita bħala assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98 kif stipulat fit-Tabella 1."

(iii) It-Tabella 1 titbiddel b'li ġej:

Tabella 1

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Pass tal-Kwalità tal-Kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 (għal valutazzjonijiet tal-kreditu biss li mhumiex valutazzjonijiet tal-kreditu fuq żmien qasir | il-passi l-oħrajn kollha tal-kwalità tal-kreditu |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni | 20% | 50% | 100% | 350% | 1250% |
| Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni | 40% | 100% | 225% | 650% | 1250% |

(iv) It-Tabella 2 titħassar.

(v) Il-punt 46 jitbiddel b'li ġej:

"46. Bil-Metodu Bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet, l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju ta' pożizzjoni klassifikata ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi mal-valur tal-iskopertura jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-pass ta' kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita li hija assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98, kif stipulat fit-Tabella 4, immultiplikat b'1,06."

(vi) It-Tabella 4 titbiddel b'li ġej:

Tabella 4

| Pass tal-Kwalità tal-Kreditu | | Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni | | | Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Valutazzjonijiet tal-kreditu li mhumiex fuq żmien qasir | Valutazzjonijiet tal-kreditu fuq żmien qasir | A | B | C | D | E |
| 1 | 1 | 7% | 12% | 20% | 20% | 30% |
| 2 | | 8% | 15% | 25% | 25% | 40% |
| 3 | | 10% | 18% | 35% | 35% | 50% |
| 4 | 2 | 12% | 20% | | 40% | 65% |
| 5 | | 20% | 35% | | 60% | 100% |
| 6 | | 35% | 50% | | 100% | 150% |
| 7 | 3 | 60% | 75% | | 150% | 225% |
| 8 | | 100% | | | 200% | 350% |
| 9 | | 250% | | | 300% | 500% |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | | 425% | 500% | 650% |
| 11 | | 650% | 750% | 850% |
| l-oħrajn kollha u mhux ikklassifikati | | 1250% | | |

(vii) Il-punt 47 jitbiddel b'li ġej:

"47. Il-piżijiet fil-kolonna Ċ tat-tabella 4 għandhom jiġu applikati meta l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni ma tkunx pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni u meta n-numru effettiv ta' skoperturi titolizzati jkun inqas minn sitta. Għall-bqija tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna B sakemm il-pożizzjoni ma tkunx fl-aktar segment superjuri ta' titolizzazzjoni, f'liema każ għandhom jiġu applikati l-ammonti fil-kolonna A. Għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna E sakemm il-pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni ma tkunx fl-aktar segment superjuri tar-rititolizzazzjoni u l-ebda waħda mill-iskoperturi sottostanti ma tkun hija nnifisha skopertura ta' rititolizzazzjoni, f'liema każ għandha tiġi applikata l-kolonna D. Meta jiġi stabbilit jekk parti tkunx l-aktar waħda għolja, mhuwiex meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ammonti dovuti taħt rati tal-imgħax jew kuntratti ta' derivattivi tal-munita, imposti dovuti, jew ħlasijiet oħrajn simili."

(viii) Il-punt 48 jitħassar:

(ix) Il-punt 49 jitbiddel b'li ġej:

"49. Meta jiġi kkalkulat in-numru effettiv ta' skoperturi titolizzati, skoperturi multipli lil debitur wieħed jeħtieġ li jiġu ttrattati bħala skopertura waħda. L-ammont effettiv ta' skoperturi huwa kkalkulat bħala:

$$N = \frac{(\sum_i EAD_i)^2}{\sum_i EAD_{i^2}}$$

fejn $EAD_i$ jirrappreżenta t-total tal-valuri ta' skopertura tal-iskoperturi kollha lid-debitur numru i. Jekk is-sehem fil-portafoll assoċjat mal-akbar skopertura, C1, ikun disponibbli, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tikkalkula N bħala 1/C1."

(x) Il-punt 50 jitħassar.

(xi) Il-punt 52 jitbiddel b'li ġej:

"52. Bla ħsara għall-punti 58 u 59, bil-Metodu tal-Formula Superviżorja, il-piż tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jkun il-piż tar-riskju li għandu jiġi applikat skont il-punt 53. Madankollu, il-piż tar-riskju ma għandux ikun inqas minn 20% għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni u ma għandux ikun inqas minn 7% għall-pożizzjonijiet l-oħrajn kollha ta' titolizzazzjoni."

(xii) Fil-punt 53, is-sitt paragrafu jitbiddel b'dan li ġej:

"N huwa n-numru effettiv ta' skoperturi kkalkulat skont il-punt 49. Fil-każ tar-rititolizzazzjonijiet, l-istituzzjoni ta' kreditu trid tħares lejn in-numru ta'

skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-grupp u mhux lejn in-numru ta' skoperturi sottostanti fil-gruppi oriġinali li minnhom joħorġu l-iskoperturi tat-titolizzazzjonijiet sottostanti."

(12) (4) L-Anness XII, il-Parti 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti 9 u 10 jitbiddlu b'li ġej:

"9. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 75 għandhom jiżvelaw dawk ir-rekwiżiti separatament għal kull riskju li hemm referenza għalih f'dawk id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandu jiġi żvelat separatament.

10. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi żvelata minn kull istituzzjoni ta' kreditu li tikkalkula r-rekwiżiti kapitali tagħha skont l-Anness V għad-Direttiva 2006/49/KE:

(a) għal kull sottoportafoll kopert:

(i) il-karatteristiċi tal-mudelli użati;

(ii) għall-allokazzjoni kapitali tar-riskju inkrementali, il-metodoloġiji użati u r-riskji mkejla bl-użu ta' mudell intern fosthom deskrizzjoni tal-approċċ użat mill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tistabbilixxi l-orizzonti tal-likwidità, il-metodoloġiji użati sabiex tinkiseb valutazzjoni kapitali li tkun konsistenti mal-istandard meħtieġ ta' affidabbiltà u l-approċċi użati fil-validazzjoni tal-mudell;

(iii) deskrizzjoni tat-testijiet tat-tensjoni applikati għas-sottoportafoll;

(iv) deskrizzjoni tal-approċċi użati għall-ittestjar b'lura u għall-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi tal-immudellar;

(b) l-ambitu ta' aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) deskrizzjoni tal-firxa u l-metodoloġiji għall-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII, il-Parti B għad-Direttiva 2006/49/KE;

(d) l-ogħla, l-inqas u l-medja ta' dawn li ġejjin:

(i) il-kejl ta' kuljum tal-valur fir-riskju tul il-perjodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu;

(ii) il-kejl tal-valur fir-riskju taħt tensjoni tul il-perjodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu;

(iii) l-allokazzjoni kapitali għar-riskju inkrementali tul il-perjodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu;

(e) l-ammont ta' kapital għar-riskju inkrementali, flimkien mal-orizzont medju peżat ta' likwidità għal kull sottoportafoll kopert;

(f) paragun tal-kejl fit-tmiem tal-ġurnata kuljum tal-valur fir-riskju mal-bidliet ta' ġurnata waħda fil-valur tal-portafoll sal-aħħar tal-ġurnata tan-negozju suċċessiva flimkien ma' analiżi ta' kwalunkwe qbiż importanti ta' dan il-kejl fil-perjodu tar-rappurtar."

(b) Il-punt 14 jitbiddel b'dan li ġej:

"14. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura peżati mar-riskju skont l-Artikoli 94 sa 101 jew ir-rekwiżiti kapitali skont il-punt 16a tal-Anness I għad-Direttiva 2006/49/KE għandhom jiżvelaw l-informazzjoni segwenti, fejn ikun rilevanti b'mod separat għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom:

(a) deskrizzjoni tal-għanijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu b'rabta mal-attività tat-titolizzazzjoni;

(b) in-natura ta' riskji oħrajn fosthom ir-riskju tal-likwidità inerenti fl-assi titolizzati;

(c) it-tip ta' riskji f'termini tas-superjorità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni sottostanti u f'termini tal-assi li fuqhom huma bbażati dawn l-aħħar pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mibdija u miżmuma mal-attività ta' ritittolizzazzjoni;

(d) l-irwoli differenti tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-proċess ta' titolizzazzjoni;

(e) indikazzjoni tal-livell ta' involvement tal-istituzzjoni ta' kreditu f'kull wieħed minnhom;

(f) deskrizzjoni tal-proċessi fis-seħħ sabiex jiġu mmonitorjati l-bidliet fir-riskju tal-kreditu u tas-suq tal-iskoperturi tat-titolizzazzjoni fosthom, kif l-imġiba tal-assi sottostanti taffettwa l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni u b'liema mod dawn il-proċessi huma differenti għall-iskoperturi tar-rititolizzazzjonijet;

(g) deskrizzjoni tal-politika tal-istituzzjoni ta' kreditu li tirregola l-użu tal-iħħeġġjar u l-protezzjoni mhux iffinanzjata sabiex ittaffi r-riskji tal-iskoperturi tat-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet miżmuma, inkluża l-identifikazzjoni tal-kontropartijiet fil-ħeġġ materjali skont it-tip rilevanti ta' skopertura għar-riskju;

(h) l-approċċi sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skopertura peżati mar-riskju li l-istituzzjoni ta' kreditu ssegwi għall-attivitajiet tagħha ta' titolizzazzjoni, fosthom it-tipi ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ;

(i) it-tipi ta' SSPEs li l-istituzzjoni ta' kreditu, bħala sponsor, tuża sabiex tittitolizza skoperturi ta' partijiet terzi fosthom jekk u f'liema forma u safejn l-istituzzjoni ta' kreditu għandha skoperturi għal dawn is-SSPEs, kemm skopertura fuq il-karta tal-bilanċ kif ukoll mhux fuq il-karta tal-bilanċ.

(j) sommarju tal-politiki dwar il-kontabbiltà tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni, fosthom:

(i) jekk it-tranżazzjonijiet humiex ittrattati bħala bejgħ jew iffinanzjar;

(ii) ir-rikonoxximent tal-qligħ fuq il-bejgħ;

(iii) il-metodi u s-suppożizzjonijiet u l-inputs prinċipali għall-istima tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(iv) it-trattament ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi jekk dan ma jkunx kopert minn politiki oħrajn dwar il-kontabbiltà;

(v) kif inhuma stimati l-assi li qed jistennew it-titolizzazzjoni u jekk dawn jiġux irreġistrati fil-ktieb tal-kummerċ jew fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(vi) il-politiki sabiex jiġu rrikonoxxuti obbligi fuq il-karta tal-bilanċ għal arranġamenti li jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-assi titolizzati;

(k) l-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skopertura li għalihom tintuża kull aġenzija;

(l) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stipulat fl-Anness IX, il-Parti 4 fosthom l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni, l-użu tal-valutazzjoni interna għal skopijiet oħra mhux kapitali IAA, il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna fosthom diskussjoni tal-indipendenza, il-kontabbiltà, u reviżjoni tal-proċess ta' valutazzjoni interna; it-tipi ta' skopertura li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' tensjoni li jintużaw sabiex jiġu stabbiliti livelli ta' titjib tal-kreditu, skont it-tip ta' skopertura;

(m) spjegazzjoni ta' bidliet sinifikanti f'xi żvelar kwantitattiv fil-punti (i) sa (l) mill-aħħar perjodu ta' rappurtar;

(n) b'mod separat għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ, l-informazzjoni segwenti tinqasam skont it-tip ta' skopertura:

(i) l-ammont totali ta' skoperturi pendenti titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, separatament għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u titolizzazzjonijiet li għalihom l-istituzzjoni taġixxi biss bħala sponsor;

(ii) l-ammont aggregat ta' skoperturi ta' titolizzazzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ miżmuma jew mixtrija u skoperturi ta' titolizzazzjonijiet mhux fuq il-karta tal-bilanċ;

(iii) l-ammont aggregat ta' assi li qed jistennew titolizzazzjoni;

(iv) għal faċilitajiet titolizzati soġġetti għal trattament ta' ammortizzazzjoni bikrija, l-iskoperturi aggregati miġbuda attribwiti għall-interessi tal-bejjiegħ u tal-investituri rispettivament, ir-rekwiżiti kapitali aggregati mġarrba mill-istituzzjoni ta' kreditu kontra l-ishma miżmuma tagħha (tal-bejjiegħ) tal-bilanċi miġbuda u l-linji mhux miġbuda u r-rekwiżiti kapitali aggregati li tagħmel l-istituzzjoni ta' kreditu kontra l-ishma tal-investitur ta' bilanċi miġbuda u linji mhux miġbuda;

(v) l-ammont ta' skoperturi ta' titolizzazzjonijiet li jitnaqqsu mill-fondi proprji jew peżati għar-riskju b'1 250%;

(vi) sommarju tal-attività ta' titolizzazzjoni tas-sena attwali, inkluż l-ammont ta' skoperturi titolizzati u l-profitt jew it-telf rikonoxxut mal-bejgħ;

(o) separatament għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ, l-informazzjoni segwenti:

(i) l-ammont aggregat ta' skoperturi ta' titolizzazzjonijiet miżmuma jew mixtrija u r-rekwiżiti kapitali assoċjati, imqassma bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni u skoperturi ta' rititolizzazzjoni u mqassmin ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' piż tar-riskju jew rekwiżiti kapitali, għal kull approċċ użat għar-rekwiżiti kapitali;

(ii) l-ammont aggregat ta' skoperturi ta' rititolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija, imqassmin skont l-iskopertura qabel u wara ħheġġjar/assigurazzjoni u l-iskopertura għal garanti finanzjarji, imqassmin skont il-kategoriji tal-livell ta' affidabbiltà ta' kreditu tal-garanti jew l-isem tal-garanti;

(p) fil-każ tal-ktieb mhux tal-kummerċ u rigward l-iskoperturi titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, l-ammont ta' assi preġudikati/dovuti fl-imgħoddi titolizzati u t-telf rikonoxxut mill-istituzzjoni ta' kreditu matul il-perjodu attwali, it-tnejn imqassmin skont it-tip ta' skopertura;

(q) għall-ktieb tal-kummerċ, l-iskoperturi pendenti kollha titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu u suġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq, imqassmin fi tradizzjonali/sintetiċi u skont it-tip ta' skopertura."

(c) Jiddaħħal il-punt 15 segwenti:

"15. Għandha tiġi żvelata l-informazzjoni li ġejja dwar il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom:

(a) informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jintuża sabiex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni, fosthom fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat ta' kumitat għar-rimunerazzjoni, l-isem tal-konsulent estern li s-servizzi tiegħu ntużaw biex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni u l-irwol tal-partijiet interessati rilevanti;

(b) informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-ħlas u l-prestazzjoni;

(c) informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju;

(d) informazzjoni dwar il-kriterji tal-prestazzjoni li fuqhom huwa bbażat id-dritt għal ishma, opzjonijiet jew komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni;

(e) il-parametri u l-ġustifikazzjoni prinċipali għal kwalunkwe skema ta' bonusijiet u kull benefiċċju ieħor mhux fi flus kontanti."

ANNESS II

L-Annessi I, II, V u VII għad-Direttiva 2006/49/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 14 huwa emendat kif ġej:

(i) L-ewwel paragrafu jitbiddel b'li ġej:

"14. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-ktieb tal-kummerċ fi strumenti li mhumiex pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif ikkalkulat skont il-punt 1 għall-kategoriji xierqa fit-Tabella 1 fuq il-bażi tal-emittent/debitur tagħhom, il-valutazzjoni esterna jew interna, u l-maturità residwa, u mbagħad timmultiplikahom bil-piżijiet murija f'dik it-tabella. Hija għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet peżati tagħha li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dan il-punt u l-punt 16a (irrispettivament minn jekk ikunux twal jew qosra) sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku."

(ii) Ir-raba' paragrafu jitħassar:

(b) Jiddaħħal il-punt 16a segwenti:

"16a. L-istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżit kapitali għall-pożizzjonijiet netti tagħha fil-ktieb tal-kummerċ fi strumenti li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, kif ġej:

(a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju taħt l-Approċċ Standardizzat kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE;

(b) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni fil-kotba mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni kif stipulati fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE. Il-Metodu tal-Formula Superviżorja jista' jintuża biss bl-approvazzjoni minn istituzzjonijiet li ma jkunux istituzzjonijiet oriġinaturi li jistgħu japplikawh għall-istess pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom. Fejn ikun rilevanti, stimi tal-PD u l-LGD bħala inputs għall-Metodu tal-Formula Superviżorja għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE jew b'mod ieħor u soġġetti għal approvazzjoni superviżorja separata, ibbażata fuq approċċ kif stipulat fil-punt 5a tal-Anness V;

(c) Minkejja l-paragrafi (a) u (b), għal pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni li jkunu soġġetti għal piż ta' riskju ta' 1 250% skont l-Artikolu 122b(1) tad-Direttiva 2006/48/KE jekk ikunu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju skont dak l-Artikolu."

(c) Il-punt 34 jitbiddel b'li ġej:

"34. L-istituzzjoni għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet twal netti kollha tagħha u l-pożizzjonijiet qosra netti kollha tagħha skont il-punt 1. Hija għandha timmultiplika l-pożizzjoni grossa globali tagħha bi 8% sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku."

(d) Il-punt 35 jitħassar.

(2) Fl-Anness II, il-punt 7, it-tieni paragrafu jitbiddel b'dan li ġej:

"Madankollu, fil-każ ta' tpartit ta' inadempjenza tal-kreditu, istituzzjoni li l-iskopertura tagħha li tirriżulta mit-tpartit tirrappreżenta pożizzjoni twila fis-sottostanti għandha tkun permessa li tuża ċifra ta' 0% għal skopertura potenzjali futura ta' kreditu, sakemm il-bdil tal-inadempjenza tal-kreditu ma jkunx soġġett għal bejgħ mal-insolvenza tal-entità li l-iskopertura tagħha li tirriżulta mill-bdil tirrapreżenta pożizzjoni qasira fis-sottostanti, anki jekk is-sottostanti ma jkunx wettaq inadempjenza, f'liema każ iċ-ċifra għall-iskopertura potenzjali futura ta' kreditu tal-istituzzjoni għandha tkun limitata għall-ammont ta' primjums li jkunu għadhom ma tħallsux mill-entità lill-istituzzjoni."

(3) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1 jitbiddel b'li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness, jippermettu lill-istituzzjonijiet jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju u/jew ir-riskju tal-komoditajiet billi jużaw il-mudelli interni tagħhom stess għall-immaniġġjar tar-riskji minflok jew f'kombinazzjoni mal-metodi deskritti fl-Annessi I, III u IV. Ir-rikonoxximent espliċitu mill-awtoritajiet kompetenti tal-użu tal-mudelli għal skopijiet kapitali superviżorji għandu jkun meħtieġ f'kull każ."

(b) Fil-punt 4, it-tieni paragrafu jitbiddel b'li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-ħila tal-istituzzjoni li twettaq ittestjar b'lura fuq bidliet kemm attwali kif ukoll ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. L-ittestjar b'lura fuq bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll huwa bbażat fuq paragun bejn il-valur tal-portafoll fi tmiem il-ġurnata u, jekk wieħed jassumi pożizzjonijiet mhux mibdula, il-valur tiegħu fit-tmiem tal-ġurnata suċċessiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jieħdu miżuri xierqa sabiex itejbu l-programm tagħhom ta' ttestjar b'lura jekk dan jitqies bħala defiċjenti. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet iwettqu testijiet b'lura fuq riżultati ipotetiċi (billi jużaw bidliet fil-valur tal-portafoll li kienu jseħħu kieku l-pożizzjonijiet fit-tmiem tal-ġurnata kellhom jibqgħu l-istess)."

(c) Il-punt 5 jitbiddel b'li ġej:

"5. Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għal riskju speċifiku assoċjat ma' dejn innegozjat u pożizzjonijiet ta' ekwità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-użu ta' mudell intern tal-istituzzjoni jekk, minbarra li jikkonforma mal-kundizzjonijiet fil-bqija ta' dan l-Anness, il-mudell intern jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jispjega l-varjazzjoni storika tal-prezzijiet fil-portafoll;

(b) jaqbad il-konċentrazzjoni f'termini ta' sinifikat u l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll;

(c) jiflaħ għal ambjent avvers;

(d) ikun ivvalidat permezz ta' ttestjar b'lura mmirat sabiex jivvaluta jekk ir-riskju speċifiku jkunx qed jiġi kopert b'mod preċiż. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jippermettu li dan l-ittestjar b'lura jsir fuq il-bażi ta' sottoportafolji rilevanti, dawn iridu jintgħażlu b'mod konsistenti;

(e) jaqbad riskju abbażi ta' rabta mal-isem. Dan ifisser li l-istituzzjonijiet għandhom juru li l-mudell intern huwa sensittiv għad-differenzi idjosinkratiċi materjali bejn pożizzjonijiet simili iżda mhux identiċi;

(f) jaqbad ir-riskju mill-avvenimenti.

Il-mudell intern tal-istituzzjoni għandu jivvaluta b'mod konservattiv ir-riskju li jirriżulta minn pożizzjonijiet inqas likwidi u pożizzjonijiet bi trasparenza limitata tal-prezzijiet f'xenarji realistiċi tas-suq. Barra minn hekk, il-mudell intern għandu jissodisfa standards minimi dwar id-data. L-indikaturi għandhom ikunu konservattivi b'mod adegwat u jistgħu jintużaw biss meta d-data disponibbli ma tkunx suffiċjenti jew ma tkunx tirrifletti l-volatilità vera ta' pożizzjoni jew ta' portafoll.

L-istituzzjoni tista' tagħżel li teskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tagħha għal riskju speċifiku billi tuża mudell intern, dawk il-pożizzjonijiet li għalihom tissodisfa rekwiżit kapitali għal riskji tal-pożizzjoni skont il-punt 16a tal-Anness I.

Hekk kif jiżviluppaw tekniki u prattiċi tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu użu minn dawn it-tekniki u prattiċi tajba."

(d) Jiddaħħlu l-punti segwenti 5a sa 5k:

"5a. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-punt 5 għal strumenti tad-dejn negozjat għandhom ikollhom approċċ fis-seħħ sabiex jaqbad, fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħhom, ir-riskji ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni tal-pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ tagħhom li huma inkrementali mar-riskji koperti mill-kejl tal-valur fir-riskju kif speċifikat fil-punt 5. Istituzzjoni għandha turi li l-approċċ tagħha jissodisfa standards ta' affidabbiltà komparabbli mal-approċċ stipulat fl-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE, bis-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju, u aġġustat fejn meħtieġ sabiex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjonijiet, l-iħħeġġjar u l-opzjonalità.

__**Ambitu**__

5b. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għandu jkopri l-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal allokazzjoni kapitali għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax iżda ma għandux ikopri dawk soġġetti għat-trattament speċifiku tal-punt 16a tal-Anness I. Bla ħsara għall-approvazzjoni superviżorja, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tinkludi b'mod konsistenti, il-pożizzjonijiet kollha kwotati ta' ekwità u l-pożizzjonijiet derivattivi fuq il-bażi tal-ekwitajiet kwotati li

għalihom tali inklużjoni tkun konsistenti mal-mod kif il-bank ikejjel u jimmaniġġja internament ir-riskju. L-approċċ irid jirrifletti l-impatt tal-korrelazzjonijiet bejn l-avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni. Huwa ma għandux jirrifletti l-impatt tad-diversifikazzjoni bejn l-avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni fuq naħa u l-fatturi oħrajn ta' riskju tas-suq fuq in-naħa l-oħra.

**Parametri**

5c. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrementali jrid ikejjel it-telf minħabba l-inadempjenza u l-migrazzjoni interna jew esterna tal-klassifikazzjoni fl-intervall ta' fiduċja ta' 99,9% fuq orizzont kapitali ta' sena.

Is-suppożizzjonijiet dwar il-korrelazzjoni għandhom ikunu sostnuti b'analiżi ta' data oġġettiva f'qafas li jkun kunċettwalment sod. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali għandu jirrifletti sewwa l-konċentrazzjonijiet tal-emittenti. Konċentrazzjonijiet li jistgħu jinħolqu fi klassi waħda ta' prodotti jew aktar taħt kundizzjonijiet ta' tensjoni għandhom jiġu riflessi ukoll.

L-approċċ għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju matul l-orizzont ta' sena, li jimplika li pożizzjonijiet individwali partikolari fil-ktieb tal-kummerċ jew settijiet ta' pożizzjonijiet li jkunu esperjenzaw inadempjenza jew migrazzjoni matul l-orizzont tagħhom tal-likwidità jerġgħu jiġu bbilanċjati fl-aħħar tal-orizzont tagħhom tal-likwidità sabiex jinkiseb il-livell ta' riskju inizjali. Inkella, istituzzjoni tista' tagħżel li tuża b'mod konsistenti suppożizzjoni ta' pożizzjoni kostanti għal sena.

5d. L-orizzonti tal-likwidità għandhom jiġu stabbiliti skont iż-żmien meħtieġ sabiex tinbiegħ il-pożizzjoni jew biex jiġu ħħeġġjat ir-riskji materjali kollha tal-prezz rilevanti f'suq taħt tensjoni, billi jiġi kkunsidrat partikolarment id-daqs tal-pożizzjoni. L-orizzonti tal-likwidità għandhom jirriflettu l-prattika u l-esperjenza attwali matul perjodi ta' tensjonijiet kemm sistematiċi kif ukoll idjosinkratiċi. L-orizzont tal-likwidità għandu jitkejjel b'suppożizzjonijiet konservattivi u għandu jkun suffiċjentement twil li l-att tal-bejgħ jew tal-iħħeġġjar, fih innifsu, ma jaffettwax materjalment il-prezz li bih isir il-bejgħ jew l-iħħeġġjar.

L-iddeterminar tal-orizzont xieraq tal-likwidità għal pożizzjonijiet jew għal sett ta' pożizzjonijiet huwa soġġett għal minimu ta' tliet xhur.

L-iddeterminar tal-orizzont xieraq tal-likwidità għal pożizzjoni jew għal sett ta' pożizzjonijiet għandu jikkunsidra l-politiki interni ta' istituzzjoni b'rabta mal-aġġustamenti tal-istimar u l-immaniġġjar ta' pożizzjonijiet reqdin. Meta istituzzjoni tiddetermina orizzonti tal-kwalità għal settijiet ta' pożizzjonijiet pjuttost milli għal pożizzjonijiet individwali, il-kriterji sabiex jiġu ddefiniti settijiet ta' pożizzjonijiet għandhom jiġu ddefiniti b'mod li jirrifletti b'mod sinifikanti d-differenzi fil-likwidità. L-orizzonti tal-likwidità għandhom ikunu akbar għal pożizzjonijiet li jkunu konċentrati, li jirrifletti l-perjodu itwal li huwa meħtieġ sabiex dawn il-pożizzjonijiet jiġu llikwidati. L-orizzont tal-likwidità għal depożitu tat-titolizzazzjonijiet għandu jirrifletti ż-żmien sabiex jinbnew, jinbiegħu u jiġu titolizzati l-assi, jew biex jiġu ħħeġġjati l-fatturi tar-riskju materjali, f'kundizzjonijiet tas-suq taħt tensjoni.

5e. Jistgħu jiġu inkorporati ħeġġijiet fl-approċċ ta' istituzzjoni sabiex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza jew migrazzjoni. Il-pożizzjonijiet jistgħu jittieħdu bil-valur nett meta l-pożizzjonijiet qosra u l-pożizzjonijiet twal ikunu jirreferu għall-istess strument finanzjarju. L-effetti tal-iħħeġġjar jew tad-diversifikazzjoni assoċjati ma' pożizzjonijiet twal u qosra li jinvolvu strumenti jew titoli differenti tal-istess debitur, kif ukoll pożizzjonijiet twal u qosra f'emittenti differenti, jistgħu jiġu rikonoxxuti biss bl-immudellar espliċitu tal-pożizzjonijiet twal u qosra totali fl-istrumenti differenti. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-impatt tar-riskji materjali li jistgħu jseħħu matul l-intervall bejn il-maturità tal-ħeġġ u l-orizzont tal-likwidità kif ukoll il-potenzjal għal riskji ta' bażi sinifikanti fl-istrateġiji tal-iħħeġġjar skont il-prodott, is-superjorità fl-istruttura kapitali, il-klassifikazzjoni interna jew esterna, il-maturità, il-kumulu (vintage) u differenzi oħrajn fl-istrumenti. Istituzzjoni għandha tirrifletti ħeġġ biss sakemm din tkun tista' tinżamm anki waqt li d-debitur javviċina kreditu jew avveniment ieħor.

Għall-pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ li jkunu ħħeġġjati permezz ta' strateġiji dinamiċi ta' ħħeġġjar, ibbilanċjar mill-ġdid tal-ħeġġ fl-orizzont tal-likwidità tal-pożizzjoni ħħeġġjati jista' jiġi rikonoxxut bil-kundizzjoni li l-istituzzjoni (i) tagħżel li timmudella l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ħeġġ b'mod konsistenti matul is-sett rilevanti ta' pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ, (ii) turi li l-inklużjoni tar-riżultati tal-ibbilanċjar mill-ġdid tirriżulta f'kejl aħjar tar-riskji, u (iii) turi li s-swieq għall-istrumenti li jservu bħala ħeġġijiet huma likwidi biżżejjed sabiex jippermettu dan l-ibbilanċjar mill-ġdid anki matul perjodi ta' tensjoni. Kwalunkwe riskju residwu li jirriżulta minn strateġiji dinamiċi ta' ħħeġġjar irid jiġi rifless fl-allokazzjoni kapitali.

5f. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni jrid jirrifletti l-impatt mhux lineari ta' opzjonijiet, derivattivi strutturati ta' kreditu u pożizzjonijiet oħra mal-imġiba materjali mhux lineari fir-rigward tal-bidliet fil-prezzijiet. L-istituzzjoni għandu jkollha wkoll il-kunsiderazzjoni xierqa għall-ammont ta' riskju mudell inerenti fil-valutazzjoni u l-istima tar-riskji tal-prezzijiet assoċjati ma' dawn il-prodotti.

5g. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq data oġġettiva.

<u>**Validazzjoni**</u>

5h. Bħala parti mir-reviżjoni indipendenti tas-sistema tagħhom sabiex ikejlu r-riskji u l-validazzjoni tal-mudelli interni tagħhom kif meħtieġ f'dan l-anness, l-istituzzjonijiet għandhom, fir-rigward tal-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrementali ta' inadempjenza u migrazzjoni, partikolarment:

(i) jivvalidaw li l-approċċ tal-immudellar tagħhom għall-korrelazzjonijiet u l-bidliet fil-prezzijiet ikun addattat għall-portafoll tagħhom, fosthom l-għażla u l-piżijiet tal-fatturi ta' riskju sistematiċi tagħhom;

(ii) iwettqu varjetà ta' testijiet tat-tensjoni, fosthom analiżi tas-sensittività u analiżi tax-xenarji, sabiex tiġi vvalutata r-

raġonevolezza kwalitattiva u kwantitattiva tal-approċċ, partikolarment fir-rigward tat-trattament tal-konċentrazzjonijiet. Dawn it-testijiet ma għandhomx ikunu limitati għall-firxa ta' avvenimenti esperjenzati storikament;

(iii) japplikaw validazzjoni kwantitattiva xierqa li tinkludi standards interni rilevanti ta' mmudellar.

L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali jrid ikun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-istituzzjoni għall-immaniġġjar tar-riskji sabiex jiġu identifikati, imkejla u mmaniġġjati r-riskji tan-negozju.

**Dokumentazzjoni**

5i. Istituzzjoni għandha tiddokumenta l-approċċ tagħha biex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni sabiex il-korrelazzjoni u s-suppożizzjonijiet l-oħrajn tagħha dwar l-immudellar ikunu trasparenti għall-awtoritajiet kompetenti.

**Approċċi interni bbażati fuq parametri differenti**

5j. Jekk l-istituzzjoni tuża approċċ sabiex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni li ma jikkonformax mar-rekwiżiti kollha ta' dan il-punt iżda jkun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-istituzzjoni għall-identifikazzjoni, il-kejl u l-immaniġġjar tar-riskji, hija għandha tkun kapaċi turi li l-approċċ tagħha jirriżulta f'rekwiżit kapitali li jkun għoli tal-anqas daqs li kieku kien ibbażat fuq approċċ li jikkonforma b'mod sħiħ mar-rekwiżiti ta' dan il-punt. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-konformità mas-sentenza preċendenti tal-inqas darba fis-sena. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jimmonitorja l-firxa tal-prattiċi f'dan il-qasam u jfassal linji gwida sabiex jiġi żgurat kuntest ekwu.

**Frekwenza tal-kalkolu**

5k. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali tal-anqas darba fil-ġimgħa.

(e) Il-punt 7 jitbiddel b'li ġej:

"7. Għall-finijiet tal-punti 10b(a) u 10b(b), ir-riżultati tal-kalkolu li tagħmel l-istituzzjoni nnifisha għandhom jiżdiedu b'fattur ta' multiplikazzjoni ($m_+$) ta' mill-inqas 3."

(f) Fil-punt 8, l-ewwel paragrafu jitbiddel b'li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), il-fattur ta' multiplikazzjoni ($m_+$) għandu jiġi miżjud b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur."

(g) Il-punt 9 jitħassar.

(h) Il-punt 10 huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt (c) jitbiddel b'li ġej:

"(c) perjodu ta' parteċipazzjoni ta' 10 ijiem;"

(ii) Il-punt (e) jitbiddel b'li ġej:

"(e) aġġornamenti tas-settijiet ta' data ta' kull xahar."

(i) Jiddaħħlu l-punti 10a u 10b segwenti:

"10a. Barra minn hekk, kull istituzzjoni għandha tikkalkula 'valur fir-riskju taħt tensjoni' fuq il-bażi tal-kejl tal-valur fir-riskju fl-10 ġurnata, tal-perċentili 99, b'intervall ta' fiduċja b'tarf wieħed, tal-portafoll attwali, bl-inputs tal-mudell tal-valur fir-riskju kkalibrati ma' data storika minn perjodi ta' tensjoni finanzjarju sinifikanti rilevanti għall-portafoll tal-kumpanija. L-għażla ta' din l-informazzjoni storika għandha tkun soġġetta għal reviżjoni annwali u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jimmonitorja l-firxa tal-prattiċi f'dan il-qasam u jfassal linji gwida sabiex tiġi żgurata l-konverġenza. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur fir-riskju taħt tensjoni mill-inqas darba fil-ġimgħa.

10b. Kull istituzzjoni trid tissodisfa, fuq bażi ta' kuljum, rekwiżit kapitali mfisser bħala t-total ta':

(a) L-ogħla ta' (1) in-numru tal-valur fir-riskju tagħha tal-ġurnata preċedenti mkejjel skont il-punt 10 (VaRt-1); u (2) medja tal-kejl ta' kuljum tal-valur fir-riskju skont il-punt 10 f'kull waħda mis-sittin ġurnata tan-negozju preċedenti ($VaR_{avg}$), immultiplikati bil-fattur ta' multiplikazzjoni ($m_+$);

flimkien ma'

(b) L-ogħla ta' (1) l-aktar numru riċenti disponibbli tal-valur fir-riskju taħt tensjoni skont il-punt 10a ($sVaR_{t-1}$); u (2) medja tan-numri tal-valur fir-riskju taħt tensjoni ikkalkulata bil-mod u l-frekwenza speċifikata fil-punt 10a matul is-sittin ġurnata tan-negozju preċedenti ($sVaR_{avg}$), immultiplikati bil-fattur ta' multiplikazzjoni ($m_+$);

flimkien ma'

(c) It-total tal-pożizzjonijiet peżati tagħha (irrispettivament minn jekk humiex twal jew qosra) li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt 16a tal-Anness I;

flimkien ma'

(d) L-ogħla tal-aktar kejl riċenti u l-medja fuq 12-il ġimgħa tal-istituzzjoni tar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni skont il-punt 5a."

(j) Fil-punt 12, l-ewwel paragrafu jitbiddel b'li ġej:

"Il-mudell għall-kejl tar-riskju għandu jaqbad numru suffiċjenti ta' fatturi ta' riskju, jiddependi fuq il-livell ta' attività tal-istituzzjoni fis-swieq rispettivi.

Meta fattur ta’ riskju jkun inkorporat fil-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni iżda mhux fil-mudell tal-kejl tar-riskji, l-istituzzjoni trid tkun kapaċi tiġġustifika din l-ommissjoni għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, il-mudell tal-kejl tar-riskji għandu jaqbad nonlinearitajiet għall-opzjonijiet u prodotti oħrajn kif ukoll ir-riskju tal-korrelazzjoni u r-riskju tal-bażi. Fejn jintużaw indikaturi għall-fatturi ta’ riskju, huma għandhom juru passat tajjeb għall-pożizzjoni attwali miżmuma. Barra minn hekk, dan li ġej għandu japplika għal tipi ta’ riskji individwali:"

(4) Fl-Anness VII, il-Parti B, hija emendata kif ġej:

(a) Fil-punt 2, il-punt (a) jitbiddel b’li ġej:

"(a) politiki u proċeduri dokumentati għall-proċess tal-istima. Dawn jinkludu responsabbiltajiet iddefiniti b’mod ċar tad-diversi oqsma involuti fl-istabbiliment tal-istima, sorsi ta’ informazzjoni dwar is-suq u reviżjoni tal-adegwatezza tagħhom, linji gwida għall-użu ta’ inputs mhux osservabbli li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni dwar dak li jużaw il-parteċipanti tas-suq fl-ipprezzar tal-pożizzjoni, il-frekwenza tal-istimar indipendenti, il-kronometraġġ tal-prezzijiet tal-għeluq, proċeduri għall-aġġustament tal-istimar, proċeduri ta’ verifika fl-aħħar tax-xahar u ad hoc;"

(b) Il-punt 3 jitbiddel b’li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet għandhom jimmarkaw il-pożizzjonijiet tagħhom mas-suq kull meta jkun possibbli. L-immarkar mas-suq huwa l-istimar tal-anqas ta’ kuljum tal-pożizzjonijiet bi prezzijiet tal-għeluq faċilment disponibbli maħruġin b’mod indipendenti. Eżempji jinkludu prezzijiet tal-kambju, prezzijiet ikkwotati fuq l-iskrin, jew kwotazzjonijiet minn diversi sensala indipendenti ta’ reputazzjoni."

(c) Il-punt 5 jitbiddel b’li ġej:

"5. Fejn l-immarkar mas-suq ma jkunx possibbli, l-istituzzjonijiet iridu jimmarkaw il-pożizzjonijiet/portafolji tagħhom b’mod konservattiv ma’ mudell qabel ma japplikaw trattament kapitali fil-ktieb tal-kummerċ. L-immarkar ma’ mudell huwa ddefinit bħala kwalunkwe stimar li jrid jiġi mkejjel, estrapolat jew ikkalkulat mod ieħor minn input tas-suq."

(d) Fil-punt 6, il-punt (a) jitbiddel b’li ġej:

"(a) il-maniġment anzjan għandu jkun konxju tal-elementi tal-ktieb tal-kummerċ u ta’ pożizzjonijiet oħrajn stmati bil-valur ġust li huma soġġetti għal immarkar ma’ mudell u għandu jifhem il-materjalità tal-inċertezza li dan joħloq fir-rappurtar tar-riskju/prestazzjoni tan-negozju;"

(e) Il-punti 8 u 9 jitbiddlu b’li ġej:

"Aġġustamenti fl-istima

8. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri sabiex jikkunsidraw aġġustamenti fl-istimar.

Standards ġenerali

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu l-aġġustamenti segwenti fl-istima sabiex jiġu kkunsidrati formalment: firxiet ta’ kreditu mhux miksub, kostijiet tat-tpaċija, riskji operattivi, terminazzjoni bikrija, kostijiet tal-

investiment u tal-iffinanzjar, kostijiet amministrattivi futuri u, fejn rilevanti, riskju tal-mudell."

(f) Il-punti 11 sa 15 jitbiddlu b'li ġej:

"11. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri sabiex jikkalkulaw aġġustament fl-istimar attwali ta' pożizzjonijiet inqas likwidi. Tali aġġustamenti għandhom fejn ikun meħtieġ jiżdiedu ma' kwalunkwe bidliet fil-valur tal-pożizzjoni li jkunu meħtieġa għal skopijiet ta' rappurtar u għandhom ikunu mfasslin sabiex jirriflettu l-illikwidità tal-pożizzjoni. Skont dawk il-proċeduri, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw diversi fatturi meta jistabbilixxu jekk ikunx meħtieġ aġġustament fl-istimar għal pożizzjonijiet inqas likwidi. Dawk il-fatturi jinkludu l-ammont ta' żmien li jkun meħtieġ sabiex jiġu ħħeġġjati l-pożizzjonijiet/riskji fi ħdan il-pożizzjoni, il-volatilità u l-medja tal-firxa ta' prezzijiet/offerti, id-disponibbiltà ta' kwoti tas-suq (in-numru u l-identità ta' dawk li jagħmlu s-suq) u l-volatilità u l-medja tal-volumi tan-negozju fosthom volumi ta' negozju matul perjodi ta' tensjoni fis-suq, il-konċentrazzjonijiet tas-suq, it-tixjiħ tal-pożizzjonijiet, kemm l-istimar jibbaża fuq immarkar ma' mudell, u l-impatt ta' riskji oħrajn tal-mudell.

12. Meta jużaw stimar minn partijiet terzi jew immarkar ma' mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx japplikaw aġġustament fl-istimar. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jistabbilixxu aġġustamenti għal pożizzjonijiet inqas likwidi u fuq bażi kontinwa jirrevedu l-adegwatezza tagħhom.

13. Meta l-aġġustamenti fl-istimar iwasslu għal telfiet materjali tas-sena finanzjarja kurrenti, dawn għandhom jitnaqqsu mill-fondi oriġinali proprji ta' istituzzjoni skont il-punt (k) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE.

14. Profitti/telfiet oħrajn li joriġinaw minn aġġustamenti fl-istimar għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-'profitti netti fil-ktieb tal-kummerċ' imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 13(2) u għandhom jiżdiedu ma'/jitnaqqsu mill-fondi proprji addizzjonali eliġibbli sabiex ikopru r-rekwiżiti tar-riskju tas-suq skont tali dispożizzjonijiet.

15. Aġġustamenti fl-istimar li jaqbżu 'l dawk magħmula skont il-qafas tal-kontabbiltà li għalih tkun soġġetta l-istituzzjoni għandhom jiġu ttrattati skont il-punt 13 jekk iwasslu għal telf materjali, jew skont il-punt 14 jekk mod ieħor."